MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Numru. 1385/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**JASON CAMILLERI ta' 38 sena, bin Andrew u Antonia nee' Gafa', imwieled Pieta' fl-1 ta' Marzu 1972, residenti f'Aries, Triq Ganni Vassallo, Luqa u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 177972(M),**

**u**

**GORDON CAMILLERI ta' 36 sena, bin Andrew u Antonia nee' Gafa, imwieled Pieta' fit-12 ta' Novembru 1973, residenti f'Moulin d'Or, Triq Donato del Piano, Zurrieq u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 3774(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputati gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Settembru 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew ta' prodott ta' industrija, jew xjentement ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw jew biddlu minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghejtu merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema.

U ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjenetment qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkuppjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta'l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal xi persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applikaw fuq oggetti

jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, bieghu, krew, offrew jew esponew ghal bejgh jew kiri jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom jew l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbiti,

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-25 ta' Ottubru 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bi tlett imputazzjonijiet principali u cioe' ir-reat dwar il-qerq fil-kummerc, dak dwar il-ksur tad-drittijiet ta'l-awtur kif ikkontemplat fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u r-rappresentazzjoni ta' *trademark* irregistrata b'mod qarrieqi kif previst fil-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza irrizulta illi l-imputati ghandhom negozju dwar bejgh ta' zraben gewwa Hal Luqa bl-isem ta' Big Save Footwear. Gara illi ftit ta' zmien qabel ma inbdew dawn il-proceduri, infetah hanut iehor taz-zraben vicin taghhom, mill-kwerelant Oliver Brownrigg, li fost affarijiet ohra kien ibiegh zraben tad-ditta ASCOT. Fil-fatt mill-atti jirrizulta car illi dana Brownrigg kien l-agent lokali tad-ditta ASCOT (S&F) International Ltd. Ftit taz-zmien wara dan, l-imputati telghu l-Ungerija fejn kellmu xi rappresentant ta' kumpanija li ma jindikawx l-isem taghha li timmanifattura zraben fic-Cina. Intlahaq ftehim fejn dina l-kumpanija kellha taghmel dawn iz-zraben fuq ordni ta'l-

imputati u fuqha kellha tnizzel l-isem ASCOT li kien akkompanjat b'*label* f'forma ta' trijangolu li go fih kien hemm l-isem ASCOT. Dina it-*trademark* fil-fatt giet irregistrata mill-imputati gewwa l-Ungerija.[1] Dawn iz-zraben gew ikkonsenjati lill-imputati u huma bdew ibieghu l-istess lill-konsumatur. Sabiex jilhqu dana l-ghan huma bdew jirreklamaw fil-gazzetti lokali, f'*magazines* u anke fuq stazzjon tat-televizjoni dana il-prodott fejn kienu qed ighidu lil konsumatur illi kienu qed joffru ghal bejgh zraben bil-marka ASCOT.[2] Illi minhabba f'dana kollu Oliver Brownrigg ghan-nom tad-ditta B.T. Commercial Limited bhala mandatarju specjali tas-socjeta internazzjonali ASCOT (S&F) International Ltd. gewwa l-Ingilterra ghamel kwerela fejn allega illi bhala proprjetarju tat-*trademark* ASCOT, l-imputati kienu qed jghamlu uzu abbuziv u illegali ta'l-isem ASCOT fin-negozju taghhom u li kienu qed ibieghu prodotti foloz.[3] Illi konsegwentement il-pulizija bdew bl-investigazzjonijiet taghhom fejn fost affarijiet ohra elevaw madwar 668 par zarbun mill-hanut ta'l-imputati bl-isem ta' Big Save Footwear gewwa Hal Luqa li gew esebiti fl-atti tal-kawza bhala Dokument AG16.

Illi fost l-provi migjuba f'dina l-kawza, l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil John Richards Principal fid-Direttorat dwar Industrial Property Registrations fejn huwa spjega illi bhala *trademark* il-kelma ASCOT li hija registrata f'isem is-socjeta estera ASCOT (S&F) International Limited ma tkoprix zraben[4], u hija biss it-*trademark* rapprezentata bil-*label* ASCOT b'sinjal tahtha kif indikat fid-dokument AG3 (c ) a fol.33 tal-process illi hija registrata f'isem l-imsemmija socjeta estera li tkopri iz-zraben ta'l-isports. Illi z-zraben mertu ta' dina l-kawza esebiti bhala Dokumenti AG13 u AG16 ghandhom is-segwenti marki jew sinjali:

1. Il-kaxxa kif ukoll l-*insole* taz-zarbun ghandhom l-*label* tat-trijangolo bil-kelma ASCOT f'nofsha li allura ma ghandha xejn x'taqsam mal-*label* irregistrat f'isem is-

---

[1] Dokument GCC a fol.143 et.seq.
[2] Dokument AG3 a. fol.29, Dokumenti RM1 u RM2 a fol.113, Dok ES a fol.90 u 91
[3] Dokument JC1 a fol.17
[4] Dokument AG3(a) a fol.31

socjeta kif rappresentata mill-kwerelant, li kif diga inghad hija differenti fis-sens illi ma ghandhiex l-marka ta' trijangolo, izda ghandha sinjal taht il-kelma ASCOT.

2. Fuq l-*outsole*, kif ukoll fuq l-ilsien taz-zarbun hemm il-kelma ASCOT, izda it-*trademark* irregistrata b'din il-kelma wahedha ma tkopriex zraben u kwindi ma jista' ikun hemm l-ebda ksur f'dan ir-rigward min-naha ta'l-imputati.

Illi ghalhekk l-imputati ma jistghux qatt jigu misjuba hatja illi b'xi mod ghamlu rapresentazzjoni qarrieqa fuq prodott mibjugh minnhom ta' xi *trademark* irregistrata.

**<u>Ir-reat ikkontemplat taht l-artikolu 298B tal-Kapitolu 9</u>**.

Illi l-imputati jinsabu akkuzati ukoll illi bil-bejgh ta' dan il-prodott bil-marka ASCOT, huma kienu b'xi mod qed jiksru id-drittijiet ta'l-awtur ta'l-istess, liema reat jinhtieg il-kwerela tal-parti offiza biex tinstab htija, mhux bhar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298 li hija prosegwibbli mill-pulizija *ex officio.* Illi l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-jeddijiet li johorgu mid-Drittijiet ta'l-Awtur u il-jeddijiet spettanti lil proprjetarju ta' *trademark* registrata skond il-ligi. Fil-fatt wahda hija tutelata taht l-Att Dwar id-Drttijiet ta'l-Awtur (Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta), filwaqt illi l-jeddijiet l-ohra huma tutelati taht l-Att Dwar it-Trademarks (Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta) – wahda titkellem fuq *copyright* u l-ohra titkellem fuq *trademarks*. L-artikolu 3 tal-Kapitolu 415 jelenka s-segwenti bhala ix-xogholijiet li huma eligibbli ghad-drittijiet ta'l-awtur:

a**) xogholijiet artistici**
**(b) xogholijiet awdjovizivi**
**(c ) *database***
**(d) xogholijiet letterarji**
**(e) xogholijiet muzikali.**

Illi ghaldaqstant it-*trademark* imkien ma tirrizulta. L-emblemi, marki, sinjali jew kliem riprodotti fuq dawn iz-zraben ma jistghu qatt jinkwadraw ruhhom f'xi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta'l-awtur (copyright). Hawnhekk si tratta semplicement ta' *trademark* u mhux ta'

*copyright* u ghalhekk certament ma tistax tinstab htija lanqas ghal dana r-reat.[5]

**<u>L-artikolu 298 tal-Kapitolu 9.</u>**

Jibqghu ghalhekk biex jigu ikkunsidrati l-akkuzi li jikkontemplaw il-qerq fil-kummerc kif elenkati fl-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. Illi fil-fatt l-ewwel erba' imputazzjonijiet jitkellmu dwar ir-reati ikkontemplati fis-subartikoli (a), (b), (c ) u (f) ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Illi qabel xejn il-Qorti mal-ewwel tosserva illi huwa car mill-provi li tressqu f'dina l-kawza illi l-imputati qatt ma jistghu jinstabu hatja ta' xi falsifikazzjoni ta' xi marka, sinjal, emblema jew ta' xi disinn jew mudell ta' manifattura, jew inkella illi xjentement ghamlu uzu minn dawn l-oggetti iffalisifikati u dana minghajr il-kunsens tas-sid. Huwa fatt stabbilit illi fuq iz-zraben hemm *label* xi ftit differenti minn dik originali u ghalhekk certament wiehed ma jistax jitkellem fuq xi falsifikazzjoni. Kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq il-*label* fuq iz-zraben tal-kwerelant ghandha il-kelma ASCOT b'sinjal tahtha, filwaqt illi dik fuq iz-zraben ta'l-imputati, ghalkemm tirriproduci l-istess kelma ASCOT, izda din il-kelma hija impoggieha f'speci ta' trijangolu. Ghalhekk tezisti distinzjoni zghira bejn it-tnejn li hija vizibbli ghall-ghajn. Ghaldaqstant il-Qorti certament ma tistax issib htija fil-konfront ta'l-imputati ghar-reati ikkontemplati fis-sub-inciz (a) u (b) ta'l-artikolu 298.

L-istess ma jistax jnghad madanakollu ghar-rigward tas-sub-inciz (c ) u (f). Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq falsifikazzjoni, izda fuq l-uzu ta' xi marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fiha xi indikazzjoni li tista' tqarraq lil-xerrej kif ukoll fuq il-bejgh jew importazzjoni ta' merkanzija b'marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun gew imxebbhin b'qerq. Mela hawnhekk il-ligi qieghda tikkontempla marka, sinjal, tabella jew emblema li ghalkemm tista' ma tkunx identika ghal dik originali, izda

[5] Ara sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Gaudenzio Borg deciza 26/08/1998.

tista' b'xi mod ikun fiha xi indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej u tqieghdu taht l-impressjoni li huwa qieghed jixtri prodott iehor u mhux dak illi qed jigi offrut lilu. Il-ligi hawnhekk ma tinhtiegx aktar illi dawn il-tabelli, marki ikunu identici, izda jistghu ikunu jixxiebhu b'tali mod li jistghu iqarrqu bix-xerrej ghar-rigward tal-prodott li jkun qieghed jinxtara minnu. F'dawn il-kazijiet il-ligi ghandha l-ghan illi tipprotegi lix-xerrej u ghalhekk f'dawn ir-reati, il-kapacita' li jqarraq hija ikkunsidrata bhala element essenzjali ghal kummissjoni ta' dan id-delitt. Allura dak illi huwa rilevanti mhuwiex daqstant id-dettall tat-tikketta mehuda isolament, izda l-assjem taghha, u cioe' il-mod kif tipprezenta ruhha f'ghajnejn il-konsumatur normali b'mod li tista' iggib konfuzjoni f'ghajnejh, iktar u iktar meta wiehed qieghed jitkellem fuq l-istess xorta ta' oggett u l-istess isem. Fuq kollox ukoll il-mod kif il-bejjiegh jipprezenta l-oggett ghal bejgh jista' iwassal biex izid il-konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur tant illi huwa jispicca imqarraq fuq il-kwalita ta'l-oggett li jkun qieghed jigi akkwistat. Fid-dinja ta' llum fejn il-mezzi tal-midja u ix-xandir jahdmu biex ihajjru lill-konsumatur jixtru l-prodotti li jkunu qed jigu reklamati, huwa aktar facli illi bejjiegh jista' iqarraq billi jwassal lill-konsumatur jemmen dak illi ikun qed jigi ipprezentat lilu b'mod vizwali. Illi f'kumment maghmul f'sentenza deciza fit-12 ta' Dicembru 1997, l-Qorti ta'l-Appelli Kriminali ma setatx tfiehem b'mod aktar elokwenti, il-mentalita' tal-konsumatur fid-dinja moderna:

**"Veru li jezistu l-konsumaturi li jmorru ghad-dettal u ghall-*brand name* specjalment fir-rigward ta' certi prodotti, daqskemm hu veru pero' li l-maggior parti tan-nies fl-ghaggla tal-hajja moderna facilment tista' tigi imqarrqa minn konfuzzjoni li tikketta tista' tohloq ma prodotti simili."** [6]

Illi fis-sentenza precitata **Il-Pulizija vs Gaudenzio Borg**, l-Qorti taghti definizzjoni tal-kelma "emblema" uzata mil-ligi fis-subartikoli hawn fuq indikati:

---

[6] Appelli Kriminali: Il-Pulizija vs Anthony Troisi

**"Bil-kelma embelma… wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni ta' xi uhud minnhom, mahsuba biex iwasslu messagg per ezempju dwar l-origini, il-provenjenza, jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni. L-emblema trid tkun imxebbha b'qerq jigifieri maghmula tixbah u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess jinghad naturalment ghal marka jew sinjal."**

Illi s-subinciz (c) jitkellem dwar l-uzu ta' marka, sinjal, tabella jew embelma li ikun fiha indikazzjoni li tista' tohloq konfuzjoni fil-konsumatur dwar ix-xorta tal-merkanzija jew il-bejgh ta' merkanzija b'dana it-tip ta' marka, sinjal jew emblema.

Is-sub-inciz (f) jitkellem izda dwar l-uzu ta' ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li ikunu gew imxebbhin b'qerq.

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-*label* fuq iz-zarbun mibjugh mill-imputati ma huwiex identiku ghal dak fuq il-prodott tal-parti leza. L-imputati ma xehdux f'dawn il-proceduri. Madankollu mill-istqarrijiet rilaxxjati minnhom johrog illi kienu huma li taw istruzzjonijiet lil kumpanija Ungeriza li ma jindikawx l-isem taghha sabiex timmanifaturalhom zraben bl-isem ASCOT b'*logo* differenti u li sahansitra irregistraw dina l-*label* bhala *trademark* gewwa l-Ungerija stess. Illi fil-fatt l-Qorti tosserva illi l-imputati ma jaqbblux bejniethom fit-twegibiet li jaghtu lill-ufficjal investigattiv ghaliex filwaqt li Jason Camilleri jistqarr illi kienu huma illi ghazlu l-isem u il-*logo* u li sussegwenment irregistraw dina it-*trademark* f'isimhom, Gordon Camilleri jichad dana kollu. Il-Qorti madanakollu temmen bi shih dak iddikjarat minn Jason Camilleri fejn jammetti illi huma gabu dawna l-prodotti minhabba l-kompetizzjoni li kellhom mill-hanut immexxi minn Brownrigg. Fil-fatt jirrizulta illi qabel inqala' dana il-kaz huma kienu diga wrew x-xewqa taghhom li jimportaw zraben tad-ditta ASCOT, izda gara illi s-socjeta estera infurmathom illi huma diga kellhom agent lokali u cioe' lil Brownrigg. Meta imbaghad allura Brownrigg fetah il-hanut vicin taghhom huma riedu jikkompetu mieghu u allura

bdew jimportaw dawn iz-zraben b'*label* simili u bl-istess isem. L-imputati ghalhekk kienu jafu illi z-zraben li kienu ser jinbieghu minnhom fil-hwienet taghhom ma kenux prodotti originali ASCOT u dana ghaliex dina l-*label* maghmula minn dina d-ditta Ungeriza fuq ordni taghhom giet irregistrata minnhom u ghalhekk saru sidien ta'l-istess.[7] Fil-fatt meta imbaghad bdew jirreklamaw il-prodott, huma fl-ebda mument ma indikaw lill-konsumatur illi iz-zarbun ASCOT illi huma kienu qed joffru ghal bejgh ma kienx prodott originali ASCOT ta'l-Ingilterra. Ghal kuntrarju, huma bdew jaghtu x'jifhmu lill-konsumatur illi dana kien zarbun tad-ditta ASCOT u xejn izjed. Dana johrog car mir-reklami esebiti fl-atti tal-kawza u cioe' ir-reklami li saru fil-gazzetti, fil-*magazines* u anke fuq l-istazzjon ITV shopping channel. Li kieku l-imputati ma kellhomx intenzjoni iqarrqu bil-konsumatur, huma kienu jispecifikaw fir-reklamar taghhom illi dawn ma humiex prodotti ASCOT ta'l-Ingilterra izda prodott iehor bl-isem ASCOT importat mill-Ungerija, haga illi huma qatt ma ghamlu. [8]

Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi l-imputati ghamlu uzu minn tikketta u isem li kien fih indikazzjoni li qarrqet lil konsumatur dwar ix-xorta ta' merkanzija u li bieghu sussegwentement prodott li kien fih dina t-tikketta.

Madankollu mill-provi ma jirrizultax min kien il-persuna li iddisinja l-*label* li l-imputati ghamlu uzu minnha u ghalhekk jekk l-persuna li idejat dina it-tikketta kellhiex l-intenzjoni li tqarraq. Il-Qorti hawnhekk trid taghti il-beneficcju tad-dubbju lill-imputati u ghalhekk ma tistax tinstab htija taht is-sub-inciz (f) ta'l-artikolu 298.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena lli ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzoni l-fedina penali ta'l-imputati li mhijiex wahda allarmanti u l-fatt illi l-imputati ma baqghux ibieghu il-prodott stante illi l-unika konsenja li impurtaw giet kwazi kollha kemm hi maqbuda mill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet taghhom. Finalment il-Qorti

[7] Ara stqarrijiet ta'l-imputati Dokumenti AG7 u AG8 a fols. 42 u 45 kif ukoll Dokument GCC afol.13
[8] Ibid 2.

ma hijiex ser tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez konnessi man-nomina ta’l-espert Martin Bajjada f’dina l-kawza u dana stante illi huma ser jigu illiberati mill-akkuzi li jikkoncernaw il-konkluzjonijiet peritali.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 298(1)(c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront taghhom, tilliberhom mill-kumplament ta’l-akkuzi u tikkundannhom ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenza skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti qed tordna il-konfiska tad-Dokumenti AG12, AG13 u AG16 esebieti fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------